



# L-istatwa ta' Sant' Elena xogħol Salvatore Psaila 1833-1837

## Diskors imħejji minn Mario Gauci waqt l-Akkademja fi Pjazza Sant' Elena

## Il-Ħamis 19 ta' Lulju 2012

L-istorja tal-iskultura Maltija hija ġrajja ħajja li tarrikixxi lil din il-gżira tant żgħira fit-territorju imma kbira fl'istorja, daqstant intima mal-arti. Għalkemm l-ispazju territorjali u d-daqs tal-popolazzjoni tagħna l-Maltin huma żgħar, il-gżejjer huma għonja b'kull forma prezzjuża ta' teżori artistiċi - partikolarment l-iskultura s-suġġett prinċipali ta' dawn il-ħsibijiet li se naqsam magħkom f'din il-lejla pjuttost insolita fi pjazza Sant' Elena. Tabilħaqq hija serata fejn qed nikkommemoraw l-anniversarju ta' biċċa xogħol skultorea li tirrapreżenta lil Sant'Elena, inawgurata propju nhar is-17 ta' Lulju tal-1837 donazzjoni tal-Karkariż il-Kavallier Vincenzo Borg. Hemm ħafna x'jingħad fuq din il-meastrija ta' skultura imma nħoss li għandi nibbaża dan id-diskors qasir fuq tlett aspetti. L-ewwel dwar xewqat il-benefattur, il-Kavallier Vincenzo Borg Brared hekk kif naqraw fil-kuntratt li għamel fl-1833 kif ukoll fid-dawl ta' manuskritti oħra. It-tieni punt huwa fuq t-teknika ta' Salvatore Psaila biex naqqax l-istatwa ta' Sant' Elena. Fit-tielet u l-aħħar spunt ma nixtieqx inħallikom biss tisimgħuni imma miegħi ser tagħmlu eżercizzju biex waqt l-ispjega tifhmu b'għajnejkom stess il-merti artistici u l-preġju ta'din l-istatwa.

**[L-ewwel punt]**

*Il-benefattur il-Kavallier Vincenzo Borg Brared u x-xewqa tiegħu dwar din l-opra fid-dawl tal-kuntratt, l-abbozz u dukumenti importanti*

Vincenzo Borg Brared, patrijott li kien igawdi rispett minn kullħadd tant li fi żmien qasir f'Malta Napuljun Bonaparti għamillu żjara fid-dar tiegħu. Borg Brared wera qlubija fl-irvellijiet kontra l-Franċiżi, u sar kmandant tal-ikbar battaljun ta' Birkirkara. L-għani Karkariż kien ħareġ 24,000 skud għad-difiża tal-Imblokk tal-Franciċi u wara ħafna taħbit fi żmien fil-perjodu bikri tal-ħakma Ingliża u żmien il-pesta tal-1813 issa l-attenzjoni tiegħħu waqgħet fuq it-tisbieħ tat-tempju Karkariż. Vincenzo Borg Brared kellu ħafna flus biex jarrikixxi l-kolleġġjata u hekk għamel f'waħda mill-aħħar sensiela ta' xewqiet – kuntratt ma' artist pjuttost żagħżugħ Salvatore Psaila imwieled f'Bormla fis-sena 1798. L-għażla ta' Salvatore Psaila biex jiskolpi l-istatwa ta' Santa Elena setgħet kienet fuq parir siewi ta' isem li kien pjuttost moħbi nirreferi għall-capomastro Giovanni Sammut li kellu rabta intima ma Birkirkara tant li fost ħafna disinji tiegħu jeżisti skizz tal-istatwa ta' Santa Elena. Dan id-disnn tal-istatwa huwa datat 3 ta' Mejju 1823 jiġifieri 10 snin qabel ma sar il-kuntratt attwali biex tinbeda l-vara. Id-disinn tal-istatwa fil-karti ta Sammut mhux daqstant importanti imma interessanti huma l-qisien li jagħti Sammut, tabilħaqq l-istess qisien tal-vara preżenti. Intant, il-magħżul skultur Salvatore Psaila nhar it-23 ta' Awwissu 1833 f'din l-istess pjazza deher quddiem in-Nutar Giuseppe Gatt, u b'kuntratt obbliga

ruħu lejn il-Kavallier Vincenzo Borg Brared biex fi żmien għaxar xhur *da oggi in avanti* jiskolpi fl-injam statwa tal-Glorjuża Imperatriċi Santa Elena. Ġara però li dan l-obbligu kisru bil-kbir għax Salvatore Psaila dam 4 snin u mhux 10 xhur biex lesta l-istatwa. Skont l-istess kuntratt tal-1833 l-għoli ta' din l-istatwa kellu jkun ta' otto palmi e mezzo, (tmint ixbar u nofs) u l-injam li jintuża kellu jkun arzino (pine). Ix-xogħol tagħha kellu jsir bl-aktar forma konvenjenti u skont l-arti, u l-istatwa kellha togħġob lil Brared u tkun taqbel mal- mudell li jippreżentalu l-istess skultur. Tabilħaqq, importanti ħafna fl-istudju li ser ikun ippubblikat hija statwetta-abbozz ta' ftit aktar minn 12-il pulzier maħduma fit-tafal griz. Fuq bażi solida tat-tafal tinqara bil-lapes data 1835. Meta din l-istatwetta giet imqabbla mal-vara irrizulta xebħ assolut. Interessanti huma l-kuluri safrani u aħdar skur ta' din l-istatwetta, l-istess kuluri li ħejja Franceso Zahra għall-kwardu titulari li tlesta għal din l-istess Kolleġġjata Bażilika fis-sena 1763.

**[It-tieni punt]**

*Ix-xogħol u t-teknika tal-istatwa ta' Sant' Elena*

Teoretikament l-injam huwa inqas fraġli mill-ġebel biex jinħadem, huwa ta' natura fibruż u jagħti kumdità lill-artist biex minn diversi blokki joħrog statwa bħal ma qed taraw quddiemkom illejla. Fil-fatt l-istatwa ta' Sant Elena hija magħmula minn numru ta' blokki u biċċiet ta' injam maqgħudin flimkien. Għalhekk kull rakkont popolari li l-vara hija magħmula minn zokk wieħed mhux minnu. Il-biċċa t'isfel hija vojta u fiha hemm biċċiet ta' injam imsallba biex jinfurzaw il-qafas tagħha. Imbagħad minn qaddha 'l fuq l-injam huwa solidu u jidher li Psaila bena l-bust tagħha minn blokka sħiħa tal-injam.

L-injam hekk imsejjaħ tal-arznu pine huwa pjuttost ħafif u delikat - faċli biex jinħadem u xi ftit fraġli biex jinkiser. Mhux għaqli li artist juża injam mhux matur għax f'perjodu qasir l-injama tista' taqsam faċilment u ssir ħsara rreparabbli. F'Malta ħafna drabi l-injam bħal dan kien jinġieb minn Venezia u seta jieħu sa massimu ta' sitt snin biex jimmatura. Interessanti huma l-użu tal-għodod prinċipali li Salvatore Psaila żgur kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Dawn huma s-serrieq li jintuża biex ineħħi oqsma kbar ta' skart mill-injam. Il-mannarett jintuża l-aktar għall-faze grezza fl-ewwel stadji preliminari jiġiefieri meta l-vara tkun għadha raffa, filwaqt li numru ta' furmaturi li jvarjaw f'għamla semiċirkulari jew ċatti jintużaw skont l-esiġenza tal-artist u n-natura tad-dettal. Il-mazza hija għodda importantissima u l-impatt tagħha mal-furmatur flimkien mal-polz tal-iskultur iridu jaħdmu b'teknika u b'rittmu pjuttost mgħaġġel. L-angoli tal-impatt bil-furmatur mal-injam mhux biss iħallu l-impronta tal-artist iżda huma l-qofol tal-maestrija skultorja. Fl-aħħar stadji l-iskultur Psaila għamel użu mir-raspi (għodda alternattiva għal sandpaper). B'hekk ta finitura u produzzjoni finali li qed naraw illejla.

**[It-tielet punt]**

*Merti artistiċi*

Fl-aħħar parti tad-diskors se tindibel minn waħda teknika issa ser nibdel diskorsi f'analiċi kritika. Ma nixtieqx inħallikom biss tisimgħuni u nitlob lilkom ġentilment preżenti biex waqt li qed nitkellem

tagħmlu eżerċizzju u tiffukaw għajnejkom biss fuq l-istatwa. B'hekk flimkien nifhmu sew is-sbuħija ta' dan is-simbolu li juri mara li qed iżżomm salib f'idejha. Nixtieq nagħti tifsira ġdida u perspettiva profonda tal-kelmiet kif jgħid l-att kuntrattwali *nella forma piu conveniente e secondo l-arte.* Għal Psaila dalkliem fissru kreattivita li b'fużjoni ta' idjoma neoklassiċizzanti dieħla minn movimenti friski fl-Ewropa tas-seklu 19 u oħra barokka meħudha mill-kwadru titulari ta' Francesco Zahra fl-1763 għenuh jagħmel fantażija ta' skultura. Tabilħaqq l-element barokk tagħha mhux biss huwa spirat mill-kwadru titulari ta' Francesco Zahra iżda skoprejna wkoll li Sant' Elena tal-kwadru titulari u l-istatwa ta' Salvatore Psaila huma l-istess qies, jiġifieri 8 piedi. Il-linja neoklassiċizzanti tagħha narawha fil-mod ta' kif Psaila tratta l-idejn, il-wiċċ, u s-saqjan tagħha. Tajjeb pero naqraw u nifhmu fil-fond il-merti artistiċi tal-istatwa biċċa biċċa.

Kritiċi tal-arti jikkunsidraw biċċa xogħol skultorea bħal ma hi Sant'Elena - (*a self-explanatory work of art*). Hija fil-fatt figura waħedha, qawwijja u rappreżentata pjuttost fil-klassiku li bħas-soltu tieħu ħafna millpiż tagħha fuq sieq waħda. Il-kelma teknika hija contrapposto. Dan huwa maħsub biex toħloq moviment li jikkontrobatti kull riġidità. Il-riġel tal-lemin tal-vara huwa kkomplimentat mid-driegħ tax-xellug li huwa miżmum fil-pożizzjoni pjuttost baxxa. Fl-istess moviment ir-riġel tax-xellug qiegħed kważi jħalli l-art. Dan ir-riġel huwa bbilanċjat mid-driegħ tal-lemin li jaqbeż il-barra mit-trinagolu tal-vara, ipproċettat biex Santa Elena żżomm is-Salib b'ċertu kburija. L-istudju tal-panneġġi (piegi) fil-libsa minn quddiem huma marbutin mal-pożizzjoni wieqfa tal-figura tal-mara. Id-drapp l-aħdar tal-libsa jibda strett minn ma għonqha sa sidirha u jiftaħ miċ-ċintorin l-isfel b'serje ta' panneġġi vertikali u jaqgħu ħafif, bħal donnu Psaila jrid jurina li drapp hu magħmul mill-ħarir fin. L-ermellin aħmar tal-mant bilpelliċċa minn taħt fih aktar toqol. L-aħmar ta' quddiem huwa kkaratterizzat mill-qabda taċ-ċintorin u mill-pożizzjoni tal-irkoppa x-xellugija li bejniethom qed joħolqu serje ta' panneġġi diagonali. L-anatominja tagħha apparti r-ras, l-idejn u s-saqajn ma tidhirx, imma meta wieħed jifli sew il-libsa jħoss il-maestrija tal-figura tal-mara moħbija fid-drapp. Sidirha jinħass mal-libsa u l-qadd speċjalment minn naħa tas-Salib serva ta' eżerċizzju għal Psaila biex jurina d-daqs sabiħ u massiv tagħha. Dahra f'forma perfetta ta' semi arched back jinħass fil-mant l-aktar meta wieħed josservaha mill-ġenb. Id-delikatezza tal-wiċċ pjuttost tond b'għajnejn espressivi fihom ħlewwa u perseveranza filwaqt li xofftejha għalkemm mhux jitbissmu jfissru ħafna. Il-grazzjożità femminili tippresta ruħha fil-poża aristokratika, artikolata biż-żewġ idejn li meta tiflihom tara swaba rqaq jiċċaqalqu. Hemm dettal ieħor li ma nixtieqx inħalli barra u qed nirreferi għall-kisra tal-għonq fejn Sant'Elena qed tagħmel sforz biex iżżomm is-Salib imma fl-istess ħin bi kburija qed tħares lejh b'ħafna tifsir profond. Fl-istatwa ta' Santa Elena naraw ukoll lil Salvtore Psaila mill-għajnejn tal-fidi. Fis-skiet quddiemha l-mara ssaħħrek biddehra u tieqaf taħseb biex tissaħħah fil-fidi. Tkellem lill-poplu hawn preżenti bl-għemil pożizzjonali tagħha b'idha miftuħa beraħ għall-imħabba ta' Kristu msallab, filwaqt bħal tarmi minn idejha x-xellugija x-xetru imperjali u tibdlu max-xetru li jagħti l-ħajja u jimlina fis-sebħ – is-Salib. Hemm ħafna studji fejn wieħed jista' japprofondixxi u ma nkunx sorpriż li għal dan il-proġett kien hemm l-idea ta' xi teologu. Hekk ġara fil-każ tal-proġett tas-saqaf tal-Bażilika meta fl-affreski tal-pittur Ruman il-Prof.

Virginio Monti hemm il-ħsibijet tal-Kanonku Salvatore di Pietro minn Palermu li kien magħruf fl-istudji tal-Knisja u l-Belle Arti u li mingħandu l-Kapitlu Elenjan ried tagħrif sewwa dwar il-ħajja ta' Santa Elena. L-istatwa għandha dekorazzjoni adatta ħafna. Il-linji inċizivi fid-disinn u rilievi fil-ġibs tal-induratura għandhom finitura mill-aqwa. Dan id-disinn fid-drapp mhux biss jikkumplimenta l-istil tagħha imma huwa studjat biex jorqmilha l-proporzjoniet. Filwaqt li l-libsa l-ħadra naraw disinn pjuttost irqiq u repetittiv biex jgħin il-vara toħroġ it-tul tagħha (jiġifieri her hieght), kuntrastanti huwa l-aħmar tal-mantar li għandu disinn kbir miftuħ u jġiegħel l-għajn tossrva l-kobor u l-wisa' tal-vara (jiġifieri her volume) speċjalmet bi ċrieki kbar mimlija ward kbar.

**Hsieb konklussiv**

Għalhekk kif skulturi bħal Andrea Bolgi fil-Vatikan u oħrajn ħarġu bil-verġjoni tagħhom fir-raffigurazzjoni ta' Santa Elena, Salvatore Psaila ħoloq kwalità stilistika li ta identità lill-istatwa u lil Birkirkara.

M'hemmx Birkirkara jekk m'hemmx Sant'Elena ta' Salvatore Psaila u bosta statwi saru fuq il-verżjoni tal-iskultur Bormliż. Sant Elena ta' Psaila hija statwa li tikkonvinċik - grazzi għall-artist ġeneruż li qanqal ġibda u mħabba lejn il-qaddisa biex f'Birkirkara illejla u għal dejjem ma' tintesta qatt!

GAUCI AUTOMOBILES

...Your Car but Our Reputation

- Free roadside assistance
- 12 month warranty
- Comprehensive pre-delivery inspection
- Full mechanical service
- VRT certificate
- Certified mileage history
- Full service history

88, Msida Valley Road,
Birkirkara BKR 9020, Malta.
T - 00356 21 444 777
F - 00356 21 482 323
sales@gauciautomobiles.com
www.gauciautomobiles.com